KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fis-17 ta' Novembru 2011 [1]

Kawża C-505/09 P

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika tal-Estonja

"Appell — Ambjent — Tniġġis atmosferiku — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-Repubblika tal-Estonja għall-perijodu mill-2008 sa 2012 — Kompetenzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni — Artikoli 9(1) u (3), u 11(2) tad-Direttiva 2003/87"

I – Introduzzjoni

1. Dan l-appell jirrigwarda l-iskema stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ottubru 2004 (ĠU L 338, p. 18), iktar 'il quddiem id-"Direttiva"

2. Permezz tal-appell tagħha, il-Kummissjoni titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li saret il-Qorti Ġenerali) tat-23 ta' Settembru 2009, L-Estonja vs Il-Kummissjoni (T-263/07, Ġabra p. II-3463, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li permezz tagħha annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2007 dwar il-pjan nazzjonali tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (iktar 'il quddiem il-"PNA") innotifikat mir-Repubblika tal-Estonja għall-perijodu mill-2008 sa 2012 skont id-Direttiva 2003/87 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

II – Il-kuntest ġuridiku

3. L-Artikolu 9 tad-Direttiva jipprovdi:

"1. Għal kull perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1) u (2), kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżviluppa pjan nazzjonali fejn jiddikjara l-kwantità totali tal-kwoti li jkun beħsiebu jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u kif jipproponi li jallokahom. Il-pjan għandu jkun imsejjes fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, inklużi dawk elenkati fl-Anness III [tad-Direttiva], filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku. Mingħajr preġudizzju għat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-iktar tard sal 31 ta' Diċembru 2003 gwida dwar l-implimentazzjoni tal-kriterji elenkati fl-Anness III [tad-Direttiva].

1 — Lingwa oriġinali: is-Sloven; lingwa tal-kawża: l-Estonjan.

Għall-perjodu taż-żmien riferit fl-Artikolu 11(1), il-pjan għandu jiġi ppjanat [ppublikat] u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-iktar tard sal-31 ta' Diċembru [Marzu] 2004. Għall-perjodi sussegwenti taż-żmien, il-pjan għandu jiġi ppubblikat u nnotifikat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu taż-żmien rilevanti.

2. Il-pjani ta' l-allokazzjonijiet nazzjonali għandhom jiġu kkunsidrati ġewwa l-kumitat riferit fl-Artikolu 23(1) [tad-Direttiva].

3. Fi żmien tliet xhur min-notifika tal-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet minn Stat Membru skond il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta dan il-pjan, jew kull aspett minnu, fuq il-bażi li ma jkunx kompatibbli mal-kriterji elenkati fl-Anness III jew ma' l-Artikolu 10. L-Istat Membru għandu jieħu deċiżjoni biss skond l-Artikolu 11(1) jew (2) jekk l-emendi proposti jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni ta' rifjut mill-Kummissjoni."

4. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva:

"Għall-perjodu taż-żmien ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2008, u għal kull perjodu taż-żmien ta' ħames snin sussegwenti, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiddeċiedi l-kwantità totali tal-kwoti li jrid jalloka għal dan il-perjodu taż-żmien u jinizja l-proċess ta' l-allokazzjoni ta' dawn il-kwoti lill-operatur ta' kull waħda mill-istallazzjonijiet. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed mill-inqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu rilevanti taż-żmien u għandha tkun imsejsa fuq il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet żviluppati skond l-Artikolu 9 u skond l-Artikolu 10, filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-pubbliku."

5. L-Anness III tad-Direttiva jelenka tnax-il kriterju applikabbli għall-PNA. Il-kriterji speċifikati fil-punti 1 sa 3 u 12 tal-imsemmi Anness rispettivament jipprovdu li:

"1. Il-kwantità totali tal-għoti tal-kwoti li jridu jiġu allokati għall-perjodu rilevanti taż-żmien għandha tkun konsistenti ma' l-obbligu ta' l-Istat Membru li jillimita l-emissjonijiet tiegħu skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto, fil-waqt li jitqiesu, minn banda waħda, l-proporzjon ta' l-emissjonijiet ġenerali li dawn l-emissjonijiet jirrappreżentaw f'paragun ma' l-emissjonijiet minn sorsi mhux koperti b'din id-Direttiva u, mill-banda l-oħra, il-politiki nazzjonali dwar l-enerġija, u għandhom ikunu konsistenti mal-programm nazzjonali tal-bidla fil-klima. Il-kwantità totali tal-kwoti li trid tiġi allokata ma għandhiex tkun iktar milli x'aktarx li dik meħtieġa għall-applikazzjoni stretta tal-kriterji ta' dan l-Anness. Qabel is-sena 2008, il-kwantità għandha tkun konsistenti mat-triq lejn il-kisba jew in-nuqqas tal-kisba tal-mira ta' kull wieħed mill-Istati Membri skond id-Deċiżjoni 2002/358/KE u l-Protokoll ta' Kyoto.

2. Il-kwantità totali tal-għoti tal-kwoti li trid tiġi allokata għandha tkun konsistenti ma' l-istimi tal-progress attwali u proġettat sabiex iwettqu l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri għall-impennji Komunitarji magħmula skond id-Deċiżjoni 93/389/KEE.

3. Il-kwantitajiet tal-kwoti li jridu jiġu allokati għandhom ikunu konsistenti mal-potenzjali, inkluż il-potenzjal teknoloġiku, ta' l-attivitajiet koperti b'din l-iskema sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet. L-Istati Membri jistgħu jsejsu d-distribuzzjoni tagħhom tal-kwoti fuq l-emissjonijiet medji tal-gassijiet serra skond il-prodott f'kull attività u l-progress li jista' jinkiseb f'kull attività.

[…]

12. Il-pjan għandu jispeċifika l-ammont massimu ta' [tnaqqis ta' emissjonijiet iċċertifikati] u [unitajiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet] li jista' jintuża minn operaturi fl-iskema tal-Komunità bħala persentaġġ ta' l-allokazzjoni tal-kwoti għal kull stallazzjoni. Il-persentaġġ għandu jkun konsistenti ma' l-obbligi supplimentari ta' l-Istati Membri taħt il-Protokoll ta' Kyoto u d-deċiżjonijiet adottati skond il-UNFCCC jew il-Protokoll ta' Kyoto."

III – Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

6. Il-fatti li wasslu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża u d-dispożittiv tagħha huma stabbiliti fil-punti 6 sa 9 tas-sentenza appellata.

IV – Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7. Ir-Repubblika tal-Estonja ressqet kawża kontra d-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali hija esposta fil-punti 10 sa 21 tas-sentenza appellata.

8. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi.

9. L-ewwel nett, fil-punti 28 sa 34 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-inammissibbiltà parzjali tar-rikors għal annullament.

10. Iktar 'il quddiem, fil-punti 49 sa 94 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat il-motiv tar-Repubblika tal-Estonja bbażat fuq abbuż ta' poter li jirriżulta minn ksur tal-Artikolu 9(1) u (3), u l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva. L-ewwel nett, hija kkonstatat li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi, min-naħa, ippreċiżat fid-deċiżjoni kontenzjuża kwantità speċifika ta' kwoti, fejn kull eċċess kien meqjus inkompatibbli mal-kriterji stabbiliti mid-Direttiva, u billi ċaħdet, min-naħa l-oħra, il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja sa fejn il-miżura jew il-kwantità totali ta' kwoti li ġew proposti fih kienu jeċċedu dan il-limitu. It-tieni nett, hija sostniet li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi ssostitwixxiet l-evalwazzjoni magħmula mir-Repubblika tal-Estonja fil-PNA tagħha b'tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll li d-data u l-metodi ta' evalwazzjoni użati mill-Kummissjoni ma kinux neċessarjament l-iktar rappreżentattivi. Billi qieset li l-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 9(1) u (3), u l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva, kien fondat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża kellhom jiġu annullati.

11. Sussegwentement, fil-punti 99 sa 113 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja kienx konformi mal-kriterju Nru 3 tal-Anness III tad-Direttiva. Hija sabet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li l-kalkoli li jinsabu f'dan il-PNA kienu vvizzjati bi żball. Għalhekk, hija ddeċidiet li kien jeħtieġ li tannulla l-Artikolu 1(2), u l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kontenzjuża.

12. Fl-aħħar nett, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, billi l-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 2(1) u (2) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli mill-bqija tad-deċiżjoni, hija ddikjarat li din id-deċiżjoni kellha tiġi annullata kollha kemm hi.

V – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

13. Il-Kummissjoni ppreżentat appell mis-sentenza appellata, li fih hija talbet li l-Qorti jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata, u

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

14. Fir-risposta tagħha għall-appell tal-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Estonja titlob li l-Qorti jogħġobha:

— tiċħad l-appell,

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż,

— fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell, tirrinvija l-każ quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni dwar it-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja fir-rigward tal-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni, tal-ksur tal-Artikolu 175(2)(ċ) KE, u tal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

15. Bid-digriet tal-1 ta' Ġunju 2010, ir-Renju tad-Danimarka ġie ammess sabiex jintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni, u r-Repubblika Ċeka, kif ukoll ir-Repubblika tal-Latvja, ġew ammessi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Repubblika tal-Estonja.

16. Waqt is-seduta li nżammet fid-29 ta' Settembru 2011, ir-rappreżentanti tal-Gvern Daniż, Estonjan u Latvjan kif ukoll dawk tal-Kummissjoni, iċċaraw il-pożizzjonijiet tagħhom u wieġbu għal mistoqsijiet li sarulhom.

VI – Fuq l-interess ġuridiku tal-Kummissjoni

17. Fil-11 ta' Diċembru 2009, jiġifieri wara l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża u wara li l-Kummissjoni appellat mis-sentenza appellata, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida abbażi tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. F'din id-deċiżjoni l-ġdida, hija ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja u kkonfermat l-inkompatibbiltà tiegħu mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, mingħajr ma speċifikat il-limitu massimu tal-kwantità totali tal-kwoti li kellhom jiġu allokati. Ir-Repubblika taL-Estonja ma kkontestatx din id-deċiżjoni l-ġdida. Fl-4 ta' Settembru 2010, hija nnotifikat PNA ġdid.

18. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi eżaminat l-interess ġuridiku tal-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tqajjem *ex officio* n-nuqqas ta' interess ġuridiku ta' parti biex din tkompli appell, minħabba fatt li seħħ wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li jkun tali li jneħħi n-natura dannuża tagħha għall-appellant, kif ukoll li jiddikjara l-appell inammissibbli jew mingħajr skop minħabba din ir-raġuni. L-eżistenza ta' interess ġuridiku tal-appellant jissoponi li l-appell ikun jista', bir-riżultat tiegħu, jagħti benefiċċju lill-parti li tkun ippreżentatu [2].

19. F'dan il-każ, l-adozzjoni tad-deċiżjoni l-ġdida ma twassalx għat-tneħħija tal-interess ġuridiku tal-Kummissjoni li tkompli l-appell. Naturalment, annullament eventwali tas-sentenza appellata ma jirriżultax f'li jerġa' jagħti effett lid-deċiżjoni kontenzjuża li sadanittant tkun ġiet issostitwita mid-deċiżjoni l-ġdida. Madankollu, sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonferma l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva sostnuta mill-Kummissjoni tissalvagwardja interess ġuridiku għall-Kummissjoni. Fil-fatt, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Litwanja u r-Rumanija attakkaw quddiem tal-Qorti Ġenerali d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, li permezz tagħhom hija ċaħdet il-PNA rispettivi tagħhom [3]. Dawn il-proċeduri ġew sospiżi sakemm jingħataw is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża preżenti u fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-504/09 P). Il-Kummissjoni żżomm għalhekk interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

VII – Fuq l-ewwel aggravju

20. Bl-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura.

2 — Sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni (C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 13) u tat-3 ta' Settembru 2009, Moser Baer India vs Il-Kunsill (C-535/06 P, Ġabra p. I-7051, punt 24).

3 — Kawżi Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-194/07, ĠU 2007, C 199, p. 38); L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-221/07, ĠU 2007, C 199, p. 41); Il-Litwanja vs Il-Kummissjoni (T-368/07, ĠU 2007, C 283, p. 35); Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (T-483/07, ĠU 2008, C 51, p. 56); u Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (T-484/07, ĠU 2008, C 51, p. 57).

21. Dan l-aggravju jirreferi għall-punti 28 sa 34 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali eżaminat l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza. Il-Kummissjoni kienet talbet li r-rikors tar-Repubblika tal-Estonja jiġi miċħud bħala inammissibbli sa fejn dan ma kienx jitlob biss l-annullament tal-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 2(1) u (2), u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, iżda wkoll l-annullament tad-deċiżjoni kollha. Skont il-Kummissjoni, l-inammissibbiltà parzjali tar-rikors tar-Repubblika tal-Estonja tirriżulta mill-fatt li hija kienet ippreżentat biss motivi li kienu intiżi għall-annullament tal-Artikolu 1(1) u (2), tal-Artikolu 2(1) u (2), u tal-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża, u li d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-imsemmija deċiżjoni kienu separabbli. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet din it-talba. Hija qieset li fil-każ li l-motivi mqajma mir-Repubblika tal-Estonja kienu fondati, ikun hemm lok li d-deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata kollha kemm hi inkwantu d-dispożizzjonijiet li huma s-suġġett tal-ilmenti mressqa ma jistgħux jiġu sseparati mill-bqija ta' dan l-att.

22. Il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura billi laqgħet l-ammissibbiltà tar-rikors tar-Repubblika tal-Estonja għal dak li jirrigwarda l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi. Il-motivi mressqa mir-Repubblika tal-Estonja kienu jirreferu biss għall-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 2(1) u (2), kif ukoll l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-deċiżjoni kontenzjuża kienu separabbli minn dawn id-dispożizzjonijiet.

23. L-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud, billi madankollu tiġi ssostitwita parti mill-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Kuntrarjament għall-approċċ tal-Qorti Ġenerali, it-talba tal-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda mingħajr il-ħtieġa li tiġi eżaminata l-kwistjoni tan-natura separabbli tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża.

24. Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kienet invokat li r-rikors tar-Repubblika tal-Estonja ma kienx konformi mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u mal-Artikolu 44(1)(ċ) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura. Skont dawn l-artikoli, ir-rikors ma jkunx ammissibbli jekk ir-rikorrent ma jiżvelax b'mod ċar biżżejjed is-suġġett tal-kawża, it-talbiet u l-motivi invokati insostenn tat-talbiet. Il-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat ir-rikors għandhom jirriżultaw, għall-inqas fil-qosor, u b'mod koerenti u komprensibbli mir-rikors innifsu, sabiex il-konvenut ikun jista' jippreparа d-difiża tiegħu u l-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddeċiedi dwar ir-rikors, mingħajr ebda informazzjoni oħra, jekk ikun il-każ [4].

25. F'dan il-każ, ir-Repubblika tal-Estonja kienet ippreżentat is-suġġett tal-kawża, it-talbiet tagħha u l-motivi invokati insostenn tat-talbiet tagħha bi preċiżjoni suffiċjenti. Kien ċar li hija kienet qiegħda titlob l-annullament tal-deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi u li hija kienet tqis li din it-talba kienet iġġustifikata abbażi tal-motivi li hija kienet invokat insostenn ta' din it-talba. Il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u tal-Artikolu 44(1)(ċ) u (d) tar-Regoli tal-Proċedura kienu, għaldaqstant, sodisfatti.

26. Kuntrarjament għall-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali, ma kienx neċessarju li ssir analiżi tan-natura separabbli tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-kuntest tal-eżami tal-ammissibbiltà tar-rikors. Fil-fatt, għalkemm in-natura separabbli tad-dispożizzjonijiet ta' att għandha tiġi analizzata fil-kuntest tal-ammissibbiltà tar-rikors, meta r-rikorrent jitlob l-annullament parzjali ta' dan l-att [5], hija ma għandhiex madankollu tiġi kkunsidrata f'dan il-kuntest, iżda biss f'dak tal-mertu tar-rikors, meta r-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Il-kwistjoni dwar jekk l-annullament tal-att kollu kemm hu huwiex iġġustifikat fid-dawl tal-motivi invokati u tan-natura inseparabbli tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att hija kwistjoni li, loġikament, ma tistax tiġi trattata ħlief

4 — Sentenzi tad-29 ta' Jannar 1998, Dubois et Fils vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-113/96, Ġabra p. II-125, punt 29) u tal-24 ta' Settembru 2008, Reliance Industries vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-45/06, Ġabra p. II-2399, punt 70).

5 — Sentenzi tal-24 ta' Mejju 2005, Franza vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-244/03, Ġabra p. I-4021) u tat-30 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-36/04, Ġabra p. I-2981).

wara l-eżami tal-mertu ta' mill-inqas motiv wieħed u li juri għalhekk l-mertu tar-rikors. Barra minn hekk, approċċ bħal dan jidher li jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju. Min-naħa waħda, ma huwiex neċessarju li tiġi ttrattata l-kwistjoni tan-natura separabbli tad-dispożizzjonijiet ta' att meta l-motivi kollha invokati kontra dan l-att ikollhom jiġu miċħuda. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li anki jekk il-Qorti Ġenerali tkun laqgħet it-talba tal-Kummissjoni billi tikkonstata li r-rikors kien "inammissibbli" fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija xorta waħda għandha teżamina l-motivi kollha mressqa mir-Repubblika tal-Estonja.

27. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud filwaqt li tiġi ssostitwita l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 28 sa 34 tas-sentenza appellata.

VIII – Fuq it-tieni aggravju

28. It-tieni aggravju tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq żball ta' liġi rigward l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(1) u (3), u tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva.

29. Dan l-aggravju huwa mmirat kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 49 sa 94 tas-sentenza appellata. Fil-punti 49 sa 55 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet, qabel xejn, xi osservazzjonijiet dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Sussegwentement, fil-punti 56 sa 86 tas-sentenza appellata, hija eżaminat l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tal-kompetenzi tagħha. Wara li evalwat fil-qosor il-kontenut tad-deċiżjoni kontenzjuża fil-punti 57 u 58 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 60 sa 94 tas-sentenza appellata li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. L-ewwel nett, hija kkritikatha talli ppreċiżat kwantità speċifika ta' kwoti, li fih kull eċċess għandu jitqies li huwa inkompatibbli mal-kriterji stabbiliti mid-Direttiva, u talli ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja sa fejn il-kwantità totali ta' kwoti li ġew proposti fih kienu jaqbżu dan il-limitu. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkritikat lill-Kummissjoni li mhux biss stħarrġet il-legalità tal-PNA tar-Repubblika tal-Estonja, iżda effettivament issostitwixxiet l-analiżi mwettqa mill-imsemmi Stat Membru b'tagħha. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkritikat l-għażla tad-data dwar l-emissjonijiet li jridu jservu bħala punt ta' tluq għat-tbassir għall-perijodu kkonċernat u l-għażla tal-metodi ta' tbassir għall-evoluzzjoni tal-emissjonijiet bejn il-perijodu ta' riferiment u l-perjodu kkonċernat. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti l-oħra mressqa mill-Kummissjoni biex tiġġustifika ċ-ċaħda tagħha tal-PNA.

30. Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet preliminari tat-tieni motiv, il-Kummissjoni tikkritika l-ewwel nett lill-Qorti Ġenerali li assimilat l-istħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma' stħarriġ ta' traspożizzjoni tad-direttivi (A). Sussegwentement, l-aggravju tal-Kummissjoni jinqasam f'żewġ partijiet, li fih l-ewwel waħda hija bbażata fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament (B), u t-tieni waħda fuq ksur tal-għan u l-iskop tad-Direttiva (Ċ).

A – *Fuq in-natura tal-istħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva*

31. Għandhom l-ewwel nett jiġu eżaminati l-kritiki tal-Kummissjoni dwar in-natura tal-istħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

32. Dawn il-kritiki huma indirizzati kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 49 sa 56 tas-sentenza appellata. Fil-punt 50 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett fakkret li l-atti amministrattivi għandhom jiġu adottati b'osservanza tal-kompetenzi attribwiti lid-diversi korpi amministrattivi. Sussegwentement, fil-punt 51 u 52 tas-sentenza appellata, hija rreferiet għat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE (li sar it-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE) u kkunsidrat li fil-qasam tal-ambjent, irregolat mill-Artikoli 174 KE sa 176 KE (li saru l-Artikoli 191 sa 193 TFUE), il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri huma kondiviżi. Minn dan hija ddeduċiet li fl-assenza ta'

regoli Komunitarji li jipprevedu, b'mod ċar u preċiż, il-forma u l-mezzi li għandhom jintużaw mill-Istat Membru, il-libertà tal-Istati Membri fl-għażla tal-forom u tal-mezzi tibqa', fil-prinċipju, kompleta u li huwa għalhekk id-dmir tal-Kummissjoni li turi, kif meħtieġ mil-liġi, li l-istrumenti użati mill-Istat Membru jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. F'dak li jikkonċerna l-kompetenzi tal-Istati Membri, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 53 tas-sentenza appellata, li huma l-Istati Membri biss li huma kompetenti, min-naħa, biex ifasslu l-PNA u, min-naħa l-oħra, biex jieħdu d-deċiżjonijiet finali li jiddeterminaw il-kwantità totali ta' kwoti. Fl-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi l-Istat Membru jkollu ċertu marġni ta' manuvra. Fil-punti 54 u 55 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, il-Kummissjoni hija awtorizzata, min-naħa, tivverifika jekk il-PNA jikkonformawx mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva, u min-naħa l-oħra, tirrifjuta l-PNA minħabba inkompatibbiltà. Kif jirriżulta mill-punt 56 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-istħarriġ tal-Kummissjoni huwa stħarriġ ta' legalità.

33. Fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kklassifikat l-istħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva bħala stħarriġ ta' legalità. Qabel ma tiġi eżaminata din il-kritika (2), huwa meħtieġ qabel xejn li tiġi deskritta fil-qosor il-proċedura ta' stħarriġ tal-PNA prevista fl-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva (1).

1. Il-proċedura ta' stħarriġ tal-PNA

34. Skont l-Artikolu 1, id-Direttiva tistabbilixxi sistema Komunitarja ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tippromwovi t-tnaqqis tal-gassijiet serra b'mod effettiv fir-rigward tal-ispejjeż u tal-effikaċja ekonomika.

35. Fil-kuntest ta' din is-sistema, huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru li jfassal PNA li b'mod partikolari jippreċiża l-kwantità totali tal-kwoti li jrid jalloka għall-perijodu ta' skambju kkunsidrat, u l-mod kif jipproponi li jallokahom. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, il-PNA għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, li jinkludu l-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet mill-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-PNA tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra tmintax-il xahar qabel il-bidu tal-perijodu ta' skambju kkunsidrat.

36. Skont l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk il-PNA nnotifikati jikkonformawx mal-kriterji elenkati fl-Anness III u fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva, u tiċħad dawk li ma humiex konformi. Mill-Artikolu 11(2) tad-Direttiva jirriżulta li Stat Membru jista' jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu dwar il-kwantità totali tal-kwoti li għandu jalloka għall-perijodu kkonċernat fuq PNA li l-Kummissjoni approvat jew li hija ma tkunx ċaħdet fi żmien tliet xhur min-notifika tagħha. Bil-kontra, Stat Membru ma jistax jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu fuq PNA li l-Kummissjoni tkun ċaħdet. Il-Kummissjoni għalhekk għandha setgħa ta' imblukkar.

2. Fuq il-kritiki tal-Kummissjoni

37. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-istħarriġ ta' PNA mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva huwa stħarriġ ta' legalità. Kif il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punti 53 u 54 tas-sentenza appellata, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta b'mod inekwivoku li r-rwol tal-Kummissjoni sempliċement dak ta' stħarriġ tal-konformità tal-PNA tal-Istat Membru mal-kriterji msemmija fl-Anness III u fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Għalhekk, biex tiċħad PNA, il-Kummissjoni għandha turi li l-Istat Membru mar lil hinn mill-marġni ta' manuvra mogħtija lilu mid-Direttiva.

38. L-ilmenti li l-Kummissjoni tressaq kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma humiex fondati.

39. L-ewwel nett, min-natura preċedenti tal-istħarriġ, taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, ma jistax jiġi dedott li dan imur lil hinn minn stħarriġ ta' konformità. Huwa minnu li d-Direttiva tagħti rwol importanti lill-Kummissjoni li għandha, b'mod partikolari, setgħa ta' stħarriġ u ta' imblukkar. Madankollu, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma jagħtix lill-Kummissjoni s-setgħa li tieħu post Stat Membru fir-rigward tat-tfassil tal-PNA tiegħu jew fl-adozzjoni tad-deċiżjoni finali tagħha dwar il-kwoti li jridu jiġu allokati. Il-Kummissjoni, għalhekk, tista' tirrifjuta PNA biss meta hija turi li l-Istat Membru mar lil hinn mill-marġni ta' manuvra mogħtija lilu mid-Direttiva.

40. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li klassifikazzjoni ta' stħarriġ taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva bħala stħarriġ ta' konformità hija konformi mal-ispirtu tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, li jgħid li direttiva torbot l-Istat Membru fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq, filwaqt li tħalli lill-korpi nazzjonali l-kompetenza rigward il-forma u l-mezzi. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, din ir-regola hija applikabbli f'dan il-każ.

41. L-ewwel nett, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE huwa applikabbli biss għal stħarriġ *a posteriori*, bħal dak imwettaq fil-kuntest ta' proċedura ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Din ir-regola għandha applikazzjoni ġenerali. Għalhekk għandha tittieħed inkunsiderazzjoni f'dan il-każ, meta jkun meħtieġ li jiġi evalwat jekk il-Kummissjoni għandhiex tosserva l-għażla tal-Istati Membri dwar id-data u l- metodi ta' evalwazzjoni użati għat-tfassil tal-PNA tagħhom.

42. Sussegwentement, għandu jiġi miċħud ir-raġunament tal-Kummissjoni li jgħid li l-Istati Membri ma jistgħux jużaw marġni ta' manuvra, għaliex it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE ma japplikax minħabba n-natura "leġiżlattiva" tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Il-Kummissjoni tqis li dispożizzjoni ta' direttiva li hija intiża li tapplika biss bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, u li għalhekk l-applikabbiltà tagħha ma tiddependix fuq traspożizzjoni minn qabel fid-dritt nazzjonali, għandha natura "leġiżlattiva". Dan ir-raġunament ma huwiex konvinċenti. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE japplika għad-dispożizzjonijiet kollha ta' direttiva u għalhekk japplika wkoll għal dispożizzjonijiet li huma intiżi li japplikaw biss bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda raġuni konvinċenti li tiġġustifika li dispożizzjoni bħall-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma għandhiex tħalli marġni ta' manuvra lill-Istati Membri dwar il-forma u l-mezzi, meta dawn l-elementi ma jkunux ġew armonizzati fid-direttiva. Fi kwalunkwe każ, l-approċċ tal-Qorti Ġenerali huwa ġġustifikat fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva ġiet adottata f'qasam ta' kompetenza kondiviża, fejn l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sa fejn aspett ma ġiex armonizzat.

43. It-tielet nett, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka b'suċċess li hija għandha marġni ta' diskrezzjoni sa fejn hija għandha twettaq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi u ekoloġiċi kumplessi tagħha stess fil-kuntest tal-istħarriġ ta' PNA taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva u li dan il-marġni ta' diskrezzjoni jillimita l-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri. Fil-fatt, dan il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni ma jistax ibiddel in-natura tal-istħarriġ previst fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva bħala stħarriġ ta' konformità. Il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Kummissjoni għandha jippermettilha tiddetermina punt ta' paragun ibbażat fuq id-data u l-metodi tal-għażla tagħha u li hija tista' tuża biex turi li l-PNA ma huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Madankollu, huwa ma jippermettilhiex tiċħad il-PNA ta' Stat Membru unikament għar-raġuni li ma huwiex konformi mal-punt ta' paragun li hija għażlet.

44. L-ilmenti mressqa kontra l-osservazzjonijiet preliminari tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 49 sa 56 tas-sentenza appellata għandhom għalhekk jiġu miċħuda.

B – *Fuq l-ewwel parti bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

45. L-ewwel parti tat-tieni aggravju tal-Kummissjoni tirreferi għall-osservazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi ssostitwixxiet l-analiżi mwettqa mir-Repubblika tal-Estonja b'tagħha. Din il-parti terġa' tinqasam f'żewġ ilmenti bbażati, min-naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (1) u, min-naħa l-oħra, fuq żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali rigward id-data ssostitwita mill-Kummissjoni (2).

1. Fuq l-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

46. Fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ddefendiet l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li tgħid li hija ma kinitx obbligata teżamina d-data li r-Repubblika tal-Estonja inkludiet fil-PNA tagħha, billi sostniet li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kien jobbligaha tuża data li tirriżulta mill-istess sorsi u minn metodi ta' evalwazzjoni identiċi għall-PNA tal-Istati Membri kollha.

47. Fil-punti 87 sa 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-raġunament. Hija qieset li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma jistax ibiddel it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri previst mid-Direttiva, li tgħid li l-Istati Membri huma kompetenti biex ifasslu l-PNA tagħhom u biex jieħdu d-deċiżjoni finali dwar il-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati. Is-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni hija għalhekk limitata għal stħarriġ ta' konformità tad-data inkluża fil-PNA mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax sempliċement tissostitwixxi d-data inkluża fil-PNA b'tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tiżgura l-ugwaljaza fit-trattament bejn l-Istati Membri billi teżamina l-PNA sottomessi minn kull wieħed minnhom bl-istess livell ta' diliġenza.

48. Il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li interpretat b'mod żbaljat is-setgħa ta' stħarriġ tagħha fis-sens tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva u li kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Hija għandha l-obbligu li tuża data aġġornata u li tirriżulta mill-istess sors, kif ukoll tbassir mill-istess perijodu għall-Istati Membri kollha biex tiżgura ugwaljanza fit-trattament tal-PNA kollha.

49. Għandu jiġi eżaminat l-ilment dwar interpretazzjoni żbaljata tal-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva (a), qabel ma tiġi kkunsidrata l-kritika ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament (b). Fl-aħħar nett, jien ser nanalizza l-kritiki l-oħra mressqa kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali (ċ).

a) Dwar il-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni

50. L-ewwel nett, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li interpretat b'mod żbaljat il-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Hija tqis li hija awtorizzata tiddetermina hija stess il-parametri li bihom tiġi evalwata l-konformità tad-data inkluża fil-PNA mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Konsegwentement, hija tqis li ma hijiex obbligata tivverifika l-awtentiċità tad-data ekonomika użata fil-PNA.

51. Din il-kritika tal-Kummissjoni hija infondata. Il-Qorti Ġenerali ġustament sostniet li l-Kummissjoni għandha tivverifika jekk id-data ekonomika li r-Repubblika tal-Estonja kienet inkludiet fil-PNA tagħha kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

52. Kif intqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jagħti lill-Kummissjoni setgħa ta' stħarriġ ta' konformità biss, li jippermettielha tiċħad PNA ta' Stat Membru li ma jkunx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III jew mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva [6].

53. Fir-rigward tal-livell ta' stħarriġ, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkunsidrat, fil-punti 68, 69, 75, 79 u 80 tas-sentenza appellata, li l-Anness III tad-Direttiva jelenka l-kriterji li Stat Membru għandu josservaa fil-PNA tiegħu, mingħajr madankollu ma jistabilixxi l-forom u l-mezzi li għandhom jintużaw biex tiġi evalwata l-konformità tal-PNA mal-imsemmija kriterji. L-Istati Membri jibqgħu għalhekk liberi li jużaw id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħhom sakemm dawn ma jwasslux għal riżultati li ma jkunux konformi ma' dawn il-kriterji. Fil-kuntest tal-istħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3)

6 — Ara l-punti 37 sa 44 tal-konklużjonijiet preżenti.

tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tosserva dan il-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri. Minn dan isegwi li ma tistax tiċħad il-PNA ta' Stat Membru għas-sempliċi raġuni li d-data inkluża fih ma hijiex konformi mad-data tal-għażla tagħha, iżda li huwa l-obbligu tagħha li turi li d-data inkluża fil-PNA ma hijiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

54. L-argumenti li l-Kummissjoni tressaq insostenn tal-pożizzjoni tagħha ma humiex konvinċenti.

55. L-ewwel nett, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li hija ma kinitx obbligata teżamina data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja minħabba li hija kienet fakkret lill-Istati Membri dwar l-importanza tad-data vverifikata ta' emissjonijiet reali. Tali approċċ ikun iġġustifikat f'sistema li tippermetti lill-Kummissjoni tieħu post l-Istati Membri jew li tiddetermina hija stess il-parametri applikabbli għall-evalwazzjoni tal-kriterji ta' konformità. Id-Direttiva ma tagħtix tali setgħat lill-Kummissjoni. Fl-ipoteżi li l-Kummissjoni kellha dubji dwar il-konformità tal-data inkluża fil-PNA, hija kellha l-obbligu li turi n-nuqqas ta' konformità ta' din id-data mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

56. It-tieni nett, ma jistax jiġi dedott, min-natura simultanja tal-istħarriġ tal-PNA tal-Istati Membri differenti, mill-Kummissjoni, li d-Direttiva tagħtiha s-setgħa li tissostitwixxi d-data tal-għażla tagħha mad-data inkluża fil-PNA minn Stat Membru.

57. It-tielet nett, interpretazzjoni teleoloġika li tenfasizza l-għan tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma tiġġustifikax l-approċċ tal-Kummissjoni, li jgħid li ma hijiex obbligata teżamina d-data li r-Repubblika tal-Estonja inkludiet fil-PNA tagħha.

58. Tali approċċ ma jsib ebda bażi fil-premessa 30 tad-Direttiva. Din il-premessa tipprevedi biss li s-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ma tistax tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment u li għalhekk tista' tinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju.

59. Sussegwentement, għandu jiġi miċħud l-argument li jgħid li jekk isir mod ieħor minn dak propost mill-Kummissjoni, l-għanijiet tad-Direttiva ma jkunux jistgħu jintlaħqu. F'qasam fejn il-kompetenza hija kondiviża, bħal ma huwa l-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, huwa l-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jiddetermina l-miżuri li jqis neċessarji biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa, filwaqt li jiġi osservati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Meta l-għażla tal-leġiżlatur tirriżulta b'mod ċar u mhux ambigwu mill-att ikkonċernat, ma huwiex l-obbligu tal-qrati tal-Unjoni li jissostitwixxu tal-leġiżlatur bl-evalwazzjoni tagħhom permezz ta' interpretazzjoni teleoloġika.

60. Ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti biss setgħa ta' stħarriġ ta' konformità u mhux setgħa ta' sostituzzjoni jew ta' standardizzazzjoni lill-Kummissjoni tirriżulta kemm mill-formulazzjoni ċara u inekwivoka tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, kif ukoll mix-xogħlijiet preparatorji tagħha[7]. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, sostnuta mill-Kummissjoni, tmur għalhekk lil hinn mil-limiti ta' interpretazzjoni teleoloġika. Huwa kompitu tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jemenda din id-dispożizzjoni, jekk iqis li din ma tippermettix li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa[8].

61. Il-kritika dwar nozzjoni żbaljata tal-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva għandha għalhekk tiġi miċħuda.

7 — Ara l-paġna 12 tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2001) 581, tat-23 ta' Ottubru 2001, minn fejn jirriżulta li d-determinzzjoni tal-kwantitajiet totali tal-kwoti maħruġa għandhom jitħallew essenzjalment għall-evalwazzjoni tal-Istati Membri li għandhom, madankollu, josservaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness III tad-Direttiva, u li dawn il-kriterji jistgħu jiġu sussegwentement emendati mil-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implementazzjoni tad-Direttiva.

8 — F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni biddel preċiżament dan l-aspett tad-Direttiva. L-Artikolu 9 tad-Direttiva, kif emendat bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (ĠU L 140 p. 63), jipprovdi li l-kwantità ta' kwoti maħruġa kull sena għall-Komunità kollha b'effett mill-2013 għandha tonqos b'mod lineari b 1.74 % meta mqabbla mal-kwantità medja tat-totali annwali ta' kwoti maħruġa mill-Istati Membri skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward il-PNA tagħhom għall-perjodu 2008-2012 li jibda min-nofs l-2008-2012.

b) Fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

62. It-tieni nett, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

63. Din l-akkuża ma hijiex fondata.

64. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet simili ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat. L-elementi li jikkaratterizzaw sitwazzjonijiet differenti u għaldaqstant in-natura komparabbli tagħhom għandhom jiġu stabbiliti u evalwati fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni [9].

65. Għandu jiġi kkonstatat li l-akkuża tal-Kummissjoni hija bbażata fuq nozzjoni żbaljata tas-setgħat ta' stħarriġ tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni ma tawtorizzahiex tiddetermina l-parametri ekonomiċi li għandhom jintużaw biex tiġi evalwata l-konformità ta' PNA mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Kif intqal iktar 'il fuq, id-Direttiva tagħti marġni ta' manuvra lill-Istati Membri li huma ħielsa li japplikaw id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħhom, sakemm dawn l-għażliet ma jwasslux għal riżultati li ma jkunux konformi ma' dawn il-kriterji. Id-differenzi eventwali bejn l-għażliet tal-Istati Membri huma manifestazzjoni tal-marġni ta' manuvra tagħhom li l-Kummissjoni għandha tosserva fil-kuntest tal-istħarriġ ta' konformità tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tiksirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta taċċetta l-għażliet differenti tal-Istati Membri sa fejn dawn ma jmorrux lil hinn mill-marġni ta' manuvra tagħhom.

66. Għalhekk, l-akkuża ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandha tiġi miċħuda.

c) Fuq il-limiti għall-modifika ta' PNA

67. It-tielet nett, trid tiġi eżaminata l-kritika tal-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta aċċettat possibbiltà illimitata ta' modifika tal-PNA. Il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva ma tikkummentax dwar il-possibbiltà li jsiru modifiki għall-PNA għajr dawk intiżi biex jadattawh skont id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni, possibbiltà ta' modifika tal-PNA ma għandhiex tiġi aċċettata minħabba li tipperikola l-funzjonament tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jittardjaw in-notifika tal-PNA tagħhom, jew biex jinnotifikaw PNA inkomplet biex ikollhom eventwalment il-possibiltà li jużaw data iktar favorevoli.

68. Din il-kritika għandha tiġi miċħuda. Hija ma tistax timmina l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kienet obbligata tistħarreġ il-konformità tad-data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, u li għalhekk ma setgħetx sempliċement tissostitwixxi d-data tagħha mad-data inkluża fil-PNA. Fil-fatt, il-kwistjoni dwar sa fejn jista' Stat Membru jimmodifika PNA wara n-notifika tiegħu lill-Kummissjoni, ma għandha ebda relazzjoni diretta mal-portata tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni meta jiġi eżaminat il-PNA oriġinali ta' dak l-Istat Membru.

d) Konklużjoni

69. L-ilment intiż għall-konstatazjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi ssostitwixxiet l-analiżi tagħha għal dik imwettqa mir-Repubblika tal-Estonja għandu, għalhekk, jiġi miċħud bħala infondat.

9 — Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, Ġabra p. I-9895, punti 23 u 26).

2. Fuq l-ilment rigward id-data ssostitwita mill-Kummissjoni

70. Il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali kkritikatha dwar l-użu ta' data dwar l-emissjonijiet ta' CO2 u ta' tbassir dwar il-Prodott Gross Domestiku (PGD) tal-għażla tagħha. Il-Qorti Ġenerali stess sostniet li kien messha bbażat ruħha fuq l-iktar data reċenti possibbli. Hija ma setgħetx għaldaqstant tibbaża ruħha fuq id-data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja.

71. Dan l-ilment ma huwiex fondat. Huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Fil-fatt, minn din is-sentenza jirriżulta ċarament li l-Qorti Ġenerali ma żammietx lill-Kummissjoni milli tfassal il-mudell ekonomiku u ekoloġiku tagħha stess ibbażat fuq data tal-għażla tagħha. Madankollu, hija qieset li l-Kummissjoni ma kellhiex dritt tiċħad il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja għas-sempliċi raġuni li ċ-ċifri inklużi fil-PNA, liema ċifri kienu bbażati fuq id-data u l-mudell ta' evalwazzjoni magħżula minn dan l-Istat Membru, kienu jeċċedu ċ-ċifri li rriżultaw mid-data u mill-mudell ta' evalwazzjoni magħżula mill-Kummissjoni, iżda li l-Kummissjoni kellha tiġġustifika kif id-data inkluża fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja ma kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva.

C – *Fuq it-tieni parti bbażata fuq ksur tal-għanijiet tad-Direttiva*

72. It-tieni parti tat-tieni aggravju hija bbażata fuq ksur tal-għanijiet tad-Direttiva waqt l-interpretazzjoni tal-portata u tal-ambitu tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva.

73. Din il-parti tirreferi għall-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 59 sa 66 tas-sentenza appellata, li fiha l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva billi, fid-deċiżjoni kontenzjuża, ippreċiżat kwantità speċifika ta' kwoti, li biha kull eċċess kien ikkunsidrat inkompatibbli mal-kriterji tad-Direttiva, u billi ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja sa fejn il-kwantità totali ta' kwoti proposta fih kienet teċċedi dan il-limitu.

74. Il-Kummissjoni ssostni li l-għan u l-iskop tad-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu jekk ma jkollhiex is-setgħa li tistabbilixxi livell massimu, u li l-approċċ tagħha huwa ġġustifikat mill-ekonomija tal-ġudizzju. Hija takkuża lill-Qorti Ġenerali li ma għamlitx distinzjoni korretta bejn l-iffissar ta' livell massimu mill-Kummissjoni u l-iffissar tal-kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati mill-Istat Membru.

75. Din il-parti hija infondata.

76. Il-Qorti Ġenerali ġustament iddeċidiet li d-Direttiva ma tagħtix lill-Kummissjoni s-setgħa li tiffissa livell vinkolanti ta' kwoti li jiġu allokati f'deċiżjoni ta' ċaħda. Kif intqal iktar 'il fuq, huma l-Istati Membri li huma kompetenti għat-tfassil tal-PNA u għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. Is-setgħat tal-Kummissjoni huma limitati għal stħarriġ ta' konformità tal-PNA, li jippermettilha timblokka l-PNA li ma humhiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ġustament ikkonstatat li l-Kummissjoni fil-fatt issostitwixxiet ir-Repubblika tal-Estonja biha nnifisha billi ffissat livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati u li b'hekk hija daħlet fil-kompetenzi ta' dan l-Istat Membru.

77. Il-kritiki li l-Kummissjoni ressqet kontra l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali ma humiex konvincenti.

78. L-ewwel nett, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li hija ma daħlitx fuq il-kompetenzi tar-Repubblika tal-Estonja taħt l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva meta ffissat livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati, peress li r-Repubblika tal-Estonja żammet il-possibiltà li tiffissa kwantità totali ta' kwoti, li jridu jiġu allokati, identiċi jew inferjuri għal dan il-livell massimu. Fil-fatt, li kieku

l-Kummissjoni kellha tali setgħa, hija kienet tkun tista' timponi d-data u l-metodi ta' evalwazzjoni tal-għażla tagħha lill-Istati Membri sa fejn jikkonċernaw l-ammont massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati. Issa, id-Direttiva ma tagħtihiex tali setgħa, iżda tħalli marġni ta' manuvra lill-Istati Membri fl-għażla tad-data u l-metodi ta' evalwazzjoni.

79. It-tieni nett, għandu jiġi miċħud l-ilment tal-Kummissjoni li jgħid li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx suffiċjentement inkunsiderazzjoni l-ħtieġa ta' funzjonament tajjeb tas-sistema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjoni. Kif intqal iktar 'il fuq, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jagħti biss setgħa ta' stħarriġ ta' konformità lill-Kummissjoni toħroġ ċara mid-Direttiva. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' skambju ma jippermettix li jingħataw setgħat supplimentari lill-Kummissjoni *extra legem*.

80. It-tielet nett, l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni, li huwa possibbli li jiġi pprovat *ex pos*t li r-rikonoxximent mingħajr kundizzjonijiet ta' data dwar emissjonijiet ta' CO2 u tal-kwantità totali ta' kwoti proposti li għandhom jiġu allokati, imniżżla fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja, wasslet mhux biss għal riżultat li jmur kontra l-kriterji 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva, iżda twassal ukoll għal inflazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' CO2 fuq is-suq, tidher li hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-Kummissjoni tista' tiċħad PNA li ma jkunx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva u għaldaqstant ma qisitx li l-Kummissjoni kellha tirrikonoxxi mingħajr kundizzjoni d-data inkluża fil-PNA Estonjan.

81. Fir-raba' lok, il-Kummissjoni ssostni li interpretazzjoni tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, li tgħid li hija għandha s-setgħa tindika l-livell massimu ta' kwantità ta' kwoti li jridu jiġu allokati, hija ġġustifikata minn raġuni ta' ekonomija tal-ġudizzju. Din tevita deċiżjonijiet suċċessivi ta' ċaħda tal-PNA minħabba inkompatibbiltà mal-kriterji tal-Anness III tad-Direttiva u tippermetti lill-Istati Membri jadottaw id-deċiżjoni finali skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva fiż-żmien previst. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti Ġenerali li injorat is-sinjifikat legali tal-ammont massimu indikat fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Din l-indikazzjoni kien ikollha biss bħala konsegwenza li tillimita s-setgħa ta' deċiżjoni tagħha. Billi indikat dan l-ammont, hija sempliċement obbligat lilha nnifisha li ma tirrifjutax PNA modifikat, jekk il-kwantità ta' kwoti proposta f'dan il-PNA tkun inqas jew daqs l-ammont massimu ta' kwoti indikati fid-deċiżjoni kontenzjuża.

82. Dan l-ilment għandu wkoll jiġi miċħud bħala infondat.

83. L-ewwel nett, għandu jitfakkar li ċ-ċaħda ta' PNA mill-Kummissjoni tobbliga lill-Istat Membru kkonċernat jimmodifika l-PNA tiegħu. Il-Kummissjoni ma tistax tissostitwixxi l-Istat Membru biha nnifisha f'dan ir-rigward u ma tistax għalhekk timmodifika l-PNA ta' Stat Membru minfloku.

84. Madankollu, l-obbligu ta' motivazzjoni, previst fit-tielet sentenza tal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, jobbliga lill-Kummissjoni tindika r-raġunijiet għaliex tqis li l-PNA miċħud ma jikkonformax mal-kriterji indikati fl-Anness III u fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tad-Direttiva.

85. Xejn fid-Direttiva ma jżomm lill-Kummissjoni milli tagħmel proposti jew rakkomandazzjonijiet fil-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' ċaħda. Hija tista' għalhekk tindika l-livell ta' kwoti li għandhom jiġu allokati li hija tqis li huma konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, bil-kundizzjoni li dan ma jkunx impost b'mod obbligatorju fuq l-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, fid-dawl tal-perijodu relattivament qasir li għandu Stat Membru biex jimmodifika l-PNA tiegħu li jkun ġie miċħud, indikazzjoni bħal din tista' tiġi ġġustifikata bil-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

86. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma teċċedix il-kompetenzi, previsti fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, jekk hija tħabbar fid-deċiżjoni ta' ċaħda li hija ma hijiex ser tiċħad PNA modifikat li jkun konformi mal-proposti u mar-rakkomandazzjonijiet magħmula f'din id-deċiżjoni ta' ċaħda. Tali proċess jista' jiġi ġġustifikat bil-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u skont l-eżiġenzi ta' ekonomija tal-ġudizzju.

87. Bil-kontra, il-Kummissjoni tmur lil hinn mill-kompetenzi previsti fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva meta tindika livell massimu vinkolanti ta' kwoti fid-deċiżjoni ta' ċaħda. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni taqbeż il-limiti tas-setgħa ta' stħarriġ tagħha u tindaħal fuq ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri.

88. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Kummissjoni marrat lil hinn mil-limiti tas-setgħa tagħha taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Fil-fatt, ir-Repubblika tal-Estonja, destinatarja tad-deċiżjoni kontenzjuża, kellha tikkunsidra li l-indikazzjoni tal-ammont massimu ta' kwoti fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet ta' natura vinkolanti. Fl-Artikolu 3(3) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-modifiki kollha tal-PNA, bl-eċċezzjoni ta' dawk meħtieġa fl-Artikolu 2, ma kinux ammissibbli. Il-modifika dwar il-livell massimu ta' kwoti li jridu jiġu allokati li kien previst f'dan l-artikolu, kienet ibbażata fuq id-data u l-metodi ta' evalwazzjoni magħżula mill-Kummissjoni. Peress li l-Kummissjoni ma kinitx ħadet ħsieb teżamina jekk id-data li r-Repubblika tal-Estonja inkludiet fil-PNA tagħha kinitx konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva, ir-Repubblika tal-Estonja ma setgħetx tistenna li l-Kummissjoni teżamina d-data inkluża fil-PNA modifikat tagħha li ma kinitx tosserva l-ammont massimu msemmi fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni tagħha ta' ċaħda

89. It-tieni parti tat-tieni aggravju għandha għalhekk tiġi miċħuda.

D – *Konklużjoni*

90. Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud it-tieni aggravju fl-intier tiegħu.

IX – Fuq it-tielet aggravju

91. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-portata u tal-ambitu tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

92. Dan l-aggravju jirreferi għall-punti 99 sa 112 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali akkużat lill-Kummissjoni li kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Din l-akkuża tal-Qorti Ġenerali tikkonċerna l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-PNA tar-Repubblika tal-Estonja ma kienx konformi mal-kriterju Nru 3 tal-Anness III tad-Direttiva minħabba n-nuqqas ta' inklużjoni ta' riżerva ta' kwoti stabbiliti minnha. Fil-punti 103 sa 108 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, eżaminat iċ-ċifri ppreżentati mir-Repubblika tal-Estonja fil-PNA tagħha u ddeċidiet li dawn iċ-ċifri jidhru koerenti u jinftiehmu. Sussegwentement, fil-punti 109 sa 111 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk, fid-dawl ta' dawn iċ-ċifri, il-Kummissjoni kinitx eżaminat b'attenzjoni u b'imparzjalità l-elementi kollha rilevanti tal-każ. L-ewwel nett, hija kkonstat li l-konklużjoni tal-Kummissjoni, li l-kwoti misjuba fir-riżervi inkwistjoni ma kinux inklużi fil-kwantità totali ta' kwoti, ma kinitx tidher li setgħet tiġi rrikonċiljata mal-atti tal-proċess. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali akkużat lill-Kummissjoni talli naqset milli tispjega fuq liema bażi hija waslet għall-konklużjoni li l-PNA tar-Repubblika tal-Estonja ma kienx konformi mal-kriterju Nru 3 tal-Anness III tad-Direttiva. Minn dan ġie dedott li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet kif il-kalkoli misjuba fil-PNA Estonjan kienu vvizzjati bi żball.

93. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

94. L-ewwel nett, l-ilment tal-Kummissjoni, li jgħid li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma kellhiex dritt tibbaża ruħha fuq id-data tagħha stess, huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli bbażat ruħha fuq data tagħha stess. Hija kkritikatha talli ma eżaminatx b'mod xieraq id-data ppreżentata mir-Repubblika tal-Estonja fil-PNA tagħha.

95. It-tieni nett, għandu jiġi miċħud l-ilment tal-Kummissjoni li jgħid li hija kellha d-dritt tikkunsidra li l-kwantità totali proposta fil-PNA tar-Repubblika tal-Estonja kienet inkompatibbli mal-kriterju Nru 3 tal-Anness III tad-Direttiva minħabba l-ambigwità tal-PNA dwar l-inklużjoni ta' ċerti partijiet tar-riżervi.

96. Dan l-approċċ la huwa konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' kooperazzjoni leali u lanqas mar-rwol li d-Direttiva tagħti lill-Kummissjoni. Fil-fatt, minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li, fil-kuntest tal-istħarriġ ta' konformità taħt l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina b'attenzjoni u b'imparzjalità l-elementi kollha rilevanti tal-PNA. Fil-preżenza ta' ambigwità fil-PNA, il-Kummissjoni ma tistax sempliċement tiċħad il-PNA. Bil-kontra, hija għandha l-obbligu tieħu l-passi neċessarji biex tiddetermina jekk dan l-element imurx kontra jew huwiex konformi mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha teżamina, b'mod partikolari, id-data kollha li tinsab fil-PNA.

97. Bil-kontra ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, tali obbligu ma jmurx kontra t-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Huwa minnu li l-Kummissjoni ma hijiex kompetenti li tfassal PNA. Madankollu, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jobbligaha twettaq stħarriġ ta' konformità. Billi tieħu l-miżuri neċessarji biex teżamina l-elementi kollha ta' PNA b'attenzjoni u diliġenza l-Kummissjoni ma tmurx lil hinn mil-limiti ta' tali stħarriġ u għalhekk ma tindaħalx fuq il-kompetenzi tal-Istati Membri.

98. It-tielet nett, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka b'suċċess li l-Qorti Ġenerali nnifisha kkonstatat li l-PNA kellha elementi ambigwi. L-ewwel nett, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti Ġenerali rrilevat li din l-ambigwità setgħet ġiet iċċarata permezz ta' eżami tal-elementi l-oħra tal-proċess. Fi kwalunkwe każ, anki fil-preżenza ta' ambigwità bħal din, il-Kummissjoni kellha, l-ewwel nett, tieħu l-miżuri neċessarji biex tiċċara dan u ma setgħetx sempliċement tiċħad il-PNA bħala mhux konformi.

99. Għalhekk, it-tielet aggravju huwa infondat.

X – Fuq ir-raba' aggravju

100. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Qorti li wettqet żball ta' liġi, sa fejn hija kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli u li għalhekk kien meħtieġ li tannullaha kollha kemm hi.

101. Dan l-aggravju jirreferi għall-punti 114 u 31 sa 34 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali kkonstatat li annullament parzjali li jirrigwarda biss l-Artikolu 1(1) u (2), l-Artikolu 2(1) u (2), u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża jbiddlu s-sustanza nnifsiha tal-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni.

102. Il-Kummissjoni tqis li dawn id-dispożizzjonijiet kienu separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-deċiżjoni kontenzjuża. Hija ssostni li annullament parzjali li jirrigwarda biss dawn id-dispożizzjonijiet ma kienx ibiddel id-deċiżjoni kontenzjuża f'deċiżjoni li hi ma kellhiex l-intenzjoni li tadotta.

103. Ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

104. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-annullament parzjali ta' att ta' istituzzjoni jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet annullati tal-att ikunu separabbli mid-dispożizzjonijiet l-oħra u li dan l-annullament parzjali tal-att ma jbiddilx is-sustanza tiegħu. L-att jiġi mmodifikat fis-sustanza tiegħu meta l-awtur tiegħu, minn perspettiva oġġettiva, ma jkunx adotta dan l-att bid-dispożittiv modifikat[10].

10 — Sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-29/99, Ġabra p. I-11221, punt 45); tat-30 ta' Settembru 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-239/01, Ġabra p. I-10333, punt 33) u Franza vs Il-Parlament u Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq, punt 13).

105. Il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-annullament parzjali li jirrigwarda biss l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża kien jimmodifika s-sustanza tagħha.

106. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-paragrafi differenti tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża, ma kinux diviżibbli. Ċertament, il-paragrafi differenti ta' dawn l-artikoli jirreferu għal aspetti differenti tal-PNA u għal kriterji differenti tal-Anness III tad-Direttiva. Madankollu, mill-istruttura tal-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta li annullament parzjali li jirrigwarda biss il-paragrafu 1 tagħhom kien ikollu l-effett li jbiddel is-sustanza ta' dawn l-artikoli. L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża kien fih lista eżawrjenti ta' oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-konformità tal-PNA tar-Repubblika tal-Estonja mal-kriterji elenkati fl-Anness III tad-Direttiva. Bħalma kkonstatat il-Qorti Ġenerali, annullament parzjali li jirrigwarda biss il-paragrafu 1 tagħha kien ikollu bħala effett li jillimita din il-lista eżawrjenti. L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża kien fih l-impenn tal-Kummissjoni li ma topponix il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja sakemm hija timmodifika l-PNA tagħha skont is-suġġerimenti elenkati fil-paragrafi 1 sa 4. Annullament parzjali li jirrigwarda biss il-paragrafu 1 kien ikollu bħala konsegwenza li jnaqqas l-għadd ta' modifiki li għalihom inizjalment ingħata b'riżerva dan l-impenn tal-Kummissjoni.

107. Kemm mid-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li hija ma kinitx lesta li taċċetta l-kwantità ta' kwoti li r-Repubblika tal-Estonja kienet ipproponiet fil-PNA tagħha peress li kienet meqjusa eċċessiva. Dan huwa kkonfermat *ex post* mill-fatt li l-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li fiha hija ċaħdet il-PNA tar-Repubblika tal-Estonja, b'mod partikolari, minħabba l-inkompatibbiltà tal-għadd ta' kwoti massimi mal-kriterji Nru 1 sa 3 tal-Anness III tad-Direttiva. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li annullament parzjali li jirrigwarda biss l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża kien jimmodifika s-sustanza tagħha.

108. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ġustament ikkonstatat li l-Artikolu 3(3) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma huwiex separabbli mill-Artikoli 1 u 2 tiegħu. Hemm rabta mill-qrib bejn din id-dispożizzjoni u l-Artikoli 1 u 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tirreferi għal modifiki li l-Kummissjoni tqis meħtieġa biex jingħata rimedju għall-inkompatibbiltajiet ikkonstatati fl-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni, iżda li huma separabbli mill-proposti tal-Kummissjoni elenkati fl-Artikolu 2. tagħha.

109. It-tielet nett, fir-rigward tan-natura separabbli tal-Artikolu 3(2) tad-deċiżjoni kontenzjuża, li jirrigwarda modifiki fil-kwoti allokati għal ċerti stallazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li ż-żamma iżolata ta' din il-parti tad-deċiżjoni kontenzjuża xorta waħda kienet tbiddel is-sustanza tagħha. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq [11], Stat Membru jista' jibbaża d-deċiżjoni finali tiegħu fuq PNA li ma ġiex ikkontestat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-istħarriġ previst fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva. Deċiżjoni li fiha l-Artikolu 3(2) biss tad-deċiżjoni kontenzjuża jinżamm, tkun deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni ma tkun qajmet l-ebda oġġezzjoni dwar il-Kriterji Nru 1 sa 3, 5, 6, 10 u 12 tal-Anness III tad-Direttiva Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Estonja setgħat tibbaża d-deċiżjoni finali tagħha, taħt l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva, fuq il-PNA inizjali tagħha. Mid-deċiżjoni kontenzjuża u mill-pożizzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li hija ma kellha l-ebda intenzjoni tadotta tali deċiżjoni

110. Il-Qorti għalhekk ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta kkonstatat li l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(1), u l-Artikolu 3(1) tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kinux separabbli mill-bqija tad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni [12].

111. Ir-raba' aggravju tal-Kummissjoni għandu għalhekk jiġi miċħud bħala infondat.

11 — Punt 36 tal-konklużjonijiet preżenti.

12 — Għalhekk ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kontenzjuża kinux sseparabbli mill-bqija tad-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża.

XI – Konklużjoni

112. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tiċħad l-appell tal-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Novembru 2009, L-Estonja vs Il-Kummissjoni (T-263/07);

2) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-Repubblika tal-Estonja u l-ispejjeż tagħha stess;

3) tikkundanna lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Ċeka u lir-Repubblika tal-Latvja għall-ispejjeż tagħhom stess.